INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

(2014/C 84/05)

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi b'dan javża li rċieva applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-prospettar ta' idrokarburi fis-settur Q13 (Q13b-fond) kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness 3 tar-Regolament dwar il-Minjieri (*Mijnbouwregeling*) (Il-Gazzetta tal-Gvern (*Staatscourant*) 2002, Nru 245).

B'referenza għad-Direttiva imsemmija fl-introduzzjoni u fl-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Minjieri (*Mijnbouwwet*) (il-Bulletin tal-Atti u d-Dikrieti (*Staatsblad*) 2002, Nru 542), il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi b'dan jistieden lill-partijiet interessati biex iressqu applikazzjoni kompetittiva għall-awtorizzazzjoni tal-prospettar għall-idrokarburi fis-sezzjoni tal-blokk Q13b-fond fil-blata kontinentali Olandiża.

Is-sezzjoni tal-blokk Q13b-fond hija delimitata permezz tal-arkijiet paralelli bejn il-pari vertiċi A-B, D-E u I-J, permezz tal-arkijiet meridjani bejn il-pari vertiċi B-C, E-F u A-J, permezz taċ-ċrieki l-kbar bejn il-pari vertiċi F-G, G-H u H-I u l-konfini tal-blata kontinentali tal-Att dwar il-Minjieri bejn il-vertiċi C u D.

Il-vertiċi huma ddefiniti kif ġej:

vertiċi	°	′	″ E	°	′	″ N
A	4	0	0	52	20	0
B	4	20	0	52	20	0
C	Intersezzjoni tal-ark meridjan li jgħaddi mill-vertiċi B u l-konfini tal-blata kontinentali tal-Att dwar il-Minjieri					
D	Intersezzjoni tal-ark parallel li jgħaddi mill-vertiċi E u l-konfini tal-blata kontinentali tal-Att dwar il-Minjieri					
E	4	11	0	52	10	0
F	4	11	0	52	11	30
G	4	7	0	52	13	45
H	4	4	30	52	12	0
I	4	8	0	52	10	0
J	4	0	0	52	10	0

Is-sezzjoni tal-blokk Q13b-fond tkopri żona ta' 369,4 km^2

Il-vertiċi msemmija hawn fuq huma ddefiniti mill-koordinati ġeografiċi tagħhom, ikkalkulati skont is-Sistema Ewropea ta' Referenza Terrestri.

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stabbiliti fl-Att dwar il-Minjieri (il-Bulletin tal-Atti u d-Dikrieti 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu matul it-13-il ġimgħa wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lil:

De minister van Economische Zaken
ter attentie van de heer P. Jongerius, directie Energiemarkt
Bezuidenhoutseweg 73
Postbus 20401
2500 EC Den Haag
NEDERLAND

L-applikazzjonijiet li jaslu wara d-data ta' skadenza ta' dan il-perjodu ma jiġux ikkunsidrati.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-perjodu ta' skadenza.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi ċċempel lis-Sur E. J. Hoppel fuq dan in-numru tat-telefon: +31 703797762.